

32001R1324

L 177/56

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

30.6.2001

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1324/2001**tad-29 ta' Ġunju 2001****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1617/93 fir-rigward tal-konsultazzjonijiet dwar it-tariffi tal-passiġġieri u l-allokazzjonijiet ta' spazju fl-ajruporti**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3976/87 ta' l-14 ta' Diċembru 1987 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat għall-ċerti kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma fis-settur tat-trasport bl-ajru ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat permezz ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvetja, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li ppubblikat abbozz ta' dan ir-Regolament ⁽²⁾,

Wara li kkunsultat mal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkordji u l-Pożizzjonijiet Dominanti fit-Trasport bl-Ajru,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1617/93 ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1083/1999 ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni tat eżenzjoni ġenerali fuq, fost affarijiet oħra, il-konsultazzjonijiet fuq it-tariffi għat-trasport ta' passiġġieri u l-bagalji tagħhom fuq is-servizzi ta' l-ajru skedati u l-allokazzjoni ta' spazju fl-ajruporti u l-iskedar fl-ajruporti. Dak ir-Regolament huwa applikabbli sat-30 ta' Ġunju 2001.
- (2) Il-Kummissjoni tat bidu għal konsultazzjoni dwar jekk l-eżenzjoni ġenerali għall-konsultazzjonijiet fuq it-tariffi tal-passiġġieri għandhiex tinżamm fil-forma attwali tagħha. Dik il-konsultazzjoni għandha titlesta sat-tmiem ta' l-2001. Wara dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni tista' tagħmel proposti għal eżenzjoni ġenerali ġdida jew tibda proċedura individwali. L-eżenzjoni ġenerali attwali għall-konsultazzjonijiet fuq it-tariffi tal-passiġġieri għandha għalhekk tiġi estiża għal sena.

- (3) Ir-raġunijiet prevalenti fl-1993 għall-għoti ta' eżenzjoni ġenerali għall-akkordji u l-prattiċi miftiehma dwar l-allokazzjoni ta' spazju u l-iskedar tal-ħin għas-servizzi ta' l-ajru bejn l-ajruporti fil-Komunità għadhom sallum validi bis-siġġ. Huwa għalhekk xieraq li l-eżenzjoni ġenerali tiġi estiża. Sabiex ikun possibli li din l-eżenzjoni ġenerali tiġi addattata meta l-emendi maħsuba għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 fuq ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' spazju fl-ajruporti tal-Komunità ⁽⁵⁾ huma adottati, dik l-estensjoni għandha tingħata għal tliet snin.

- (4) Ir-Regolament (KEE) Nru 1617/93 għandu għalhekk jiġi emendat b'dan il-mod,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 1617/93, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandu japplika sat-30 ta' Ġunju 2002 safejn jirrigwarda l-eżenzjoni għall-konsultazzjonijiet dwar it-tariffi għat-trasport tal-passiġġieri bil-bagalji tagħhom u sat-30 ta' Ġunju 2004 safejn jirrigwarda l-eżenzjoni għall-allokazzjoni ta' spazju u l-iskedar tal-ħin fl-ajruporti."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2001.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Ġunju 2001.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 374, tal-31.12.1987, p. 9.

⁽²⁾ ĠU C 107, tas-7.4.2001, p. 4.

⁽³⁾ ĠU L 155, tas-26.6.1993, p. 18.

⁽⁴⁾ ĠU L 131, tas-27.5.1999, p. 27.

⁽⁵⁾ ĠU L 14, tat-22.1.1993, p. 1.